A.L. 97 ta' l-1991

ATT TA' L-1987 DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (ATT NRU. X TA' L-1987)

Ordni ta' l-1991 dwar is-Sigurtà Soċjali (Ftehim Reċiproku ma' l-Awstralja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 138 ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru tal-Politika Soċjali għamel dan l-ordni:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 dwar is-Sigurtà Soċjali (Ftehim Reċiproku ma' l-Awstralja).

Arranġamenti jkollhom seħħ.

2. Id-dispozizzjonijiet li jinsabu fil-Ftehim Reċiproku ffirmat ġewwa Canberra, fl-Awstralja, fil-15 ta' Awissu, 1990, bejn is-Senatur Graham Richardson, Ministru tas-Sigurtà Soċjali, għall-Gvern ta' l-Awstralja, u Dr. Louis Galea, Ministru tal-Politika Soċjali, għall-Gvern ta' Malta, għandu jkollhom kull saħħa u effett fl-1 ta' Lulju, 1991, u l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali għandu jkollu seħħ kif suġġett għall-modifiki meħtieġa fih għall-fini li jingħata seħħ lil dawk id-dispożizzjonijiet.